# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# DISA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 20

23 ta' Novembru, 2020

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-2.15 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

Aġenda Nru. 20

20.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 19 – 9;
20.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
20.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
20.5 Komunikazzjoni;
20.6 Laqgħa Annwali Pubblika;
20.7 Offerti u Kwotazzjonijiet ġodda;
20.8 Milied 2020;
20.9 Ilmenti u Suġġerimenti;
20.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 11/2020;
20.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda din il-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 20.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

20.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 19 – 9

19.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 19 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 20.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

20.3.1 Is-Sindku nforma dwar l-proġett ta' Triq Sannat, li nhar il-Ġimgħa 16 ta' Ottubru 2020 saret konferenza stampa mill-Ministru għal Għawdex, fejn għal din il-konferenza attendew ukoll il-Kunsillier Tewma u s-Segretarju Eżekuttiv, dan wara li l-Kuntrattur ħadem fuq in-nofs ta' Sannat Junction fejn għadda pipijiet għas-servizzi, bena ukoll is-central strip fuq in-naħa tax-Xewkija u ngħatat l-ewwel kisja tarmak fuq dik in-naħa. Issa kważi tlestew ix-xogħolijiet fuq in-naħa l-oħra in-naħa tal-Munxar b'hekk il-lokalita' ggwadanjat li ma tkunx magħluqa għal kollox din il-junction ferm importanti għal minn jidħol Ta' Sannat jew ikun sejjer ir-Rabat u x-Xewkija. Il-Kunsill qed jgħamel minn kollox biex dan il-proġett jitlesta. Xi ġimgħat ilu saret laqgħa oħra ma Transport Malta dwar it-traffic management ta' din it-triq u ssa vverifikat li f'din it-triq isiru żewġ zebra crossings. Is-Sindku qal li sar jaf mill-Ministeru għal Għawdex li l-parti tal-bidu tal-Qasam (Triq Anton Tabone) l-offerta biex titkompla din it-triq ingħatat lir-Road Construction u għandu jkompli din it-triq appena li tinħeles Triq Sannat. Is-Sindku qal li għad fadal li jgħaddu l-cables u l-wiring provduti mill-EneMalta minn ġewwa s-service culvert eżistenti għas-servizzi fid-djar biex b'hekk jitneħħew il-wires minn mall-faċċati tar-residenti.

20.3.2 Is-Sindku nforma li nhar it-Tnejn 5 ta' Ottubru 2020 saret laqgħa apposta ma' diliġenti mill-Knisja Parrokkjali Ta' Sannat fejn flimkien mall-Inġinier responsabbli mill-proġett tad-dwal tal-Pjazza u Triq Sannat fejn ġie diskuss id-dwal tal-faċċata tal-Knisja u Pjazza Santa Margerita biex jitkompla x-xogħol biex b'hekk jiġi infilzat fl-istimi tal-proġett tal-pjazza u finalment jiġi ffirmat il-kuntratt mall-Ministeru għal Għawdex għal dan il-proġett ta' riġenerazzjoni ta' din il-pjazza, proġett tant ambizzjuż. Is-Sindku qal li wara li ġew ippreparati l-istimi ta' dan il-proġett, dan l-aħħar il-Kunsill għadda l-istimi proposti lil Ministeru għal Għawdex ta' dan il-proġett ħolistiku.

20.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol tal-manutensjoni fil-pavimentar tal-mantuċċina u l-kurduni fi Pjazzetta tax-Xelina tlesta nħar il-Ġimgħa 30 ta' Ottubru 2020.

20.3.4 Is-Sindku qal li dwar l-offerta tar-restawr tal-ħitan tas-sejjieħ minn Miżura 4.4 b'fondi ewropej il-Kunsill wasal biex javża lill-offerenti minn rebaħ l-offerta u min le, wara l-Kunsill ikun jista jiffirma l-kuntratt biex jibdew dawn ix-xogħlijiet wkoll. Dwar ix-xogħolijiet mill-ewwel sejħa ta'

M4.4 il-kuntrattur talab lill-Perit biex jara fejn waslu u l-Perit qal li fi Triq Bardan għad fadal xi ħitan x'jinbnew.

20.3.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-uffiċċju reġa applika mall-ERA biex ikun jista jsir iż-żbir tas-siġar tal-Ficus Nitida li hawn fi Triq il-Kbira, Triq Marsilja u Triq Sannat. Dwar dan il-Kunsill għadu qed jistenna l-approvazzjoni tagħhom. Il-Kunsill qabel li se jipprova jgħamel dan ix-xogħol taż-żbir permezz tal-ħaddiema tal-Agrikultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

20.3.6 Is-Sindku qal li nhar il-Ġimgħa 11 ta' Novembru 2020 fil-Ġnien tal-Bidwi ġiet imħawla siġra tal-cipress mill-Partit Laburista fl-okkazzjoni tal-mitt sena mit-twaqqif ta' dan il-partit.

20.3.7 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li meta nirċievu mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar wieħed għandu jara u jifli waħda sew dawn l-applikazzjonijiet peress li Ta' Sannat qed jinbidel drastikament bi żvillupp kontinwu, għoli u ġdid. Is-Sindku qal li dan għandu jara li dan ikun żvilupp sostenibli. Il-Kunsillier Bajada semmha li b'dan l-iżvillup qed tinħoloq problema kbira ta' parkeġġ fit-toroq. Il-Viċi Sindku semmiet li fiz-zona tan-naħat ta' Triq il-Kbira residenti qed jilmentaw li mhux qed ikun hemm saħħa ta' dawl. Is-Sindku qal li fi Triq Gerxija għandha tinbena substation ġdida tad-dawl mill-EneMalta għal dan il-għan.

20.3.8 Is-Sindku qal li l-Ministeru għal Għawdex qed jitlob biex jiġġedded kuntratt għal ħames snin li ġejjin biex titkompla titħaddem l-istrateġija tal-anzjanita' atttitiva u l-Kunsill Lokali Ta' Sannat jikkontribwixxi billi jsellef is-sala tal-Kunsill għal dan is-servizz fosthom lir-residenti anzjani Ta' Sannat. Il-Kunsill qabel ma din l-inizjattiva u li dan il-kuntratt jiġi ffirmat.

20.3.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li kienu tħallsu l-kontijiet għal xogħolijiet fit-toroq ta' Triq l-20 ta' Lulju u major patching fi Triq Saguna, il-Kunsill kien għamel il-kalkoli tiegħu fejn irrizulta li fuq ix-xogħolijiet ta major patching fi Triq Saguna l-Kunsill kellu joħrog l-ammont ta' €8225.54ċ mill-kont tiegħu u li dawn ser jiġu rimbursati mill-MGOZ b'hekk kellu jsir Addendum ta' Ftehim fuq il-Kuntratt orġinali filwaqt li fuq Triq l-20 ta' Lulju il-Kunsill għandu jgħaddi lill-MGOZ id-differenza żejda ta' €576.44ċ. Dwar dan kien hemm qbil mill-Kunsill.

20.3.10 Is-Sindku ssuġġerixxa biex jitwaqqaf sotto-kumitat biex jiġi ppjanat sew ix-xogħol biex isir monument tal-vitmi gwerra. Il-Kunsillier Bajada ġibed l-attenzjoni li jkun bix-xieraq li ta' kull sena fl-istess ġurnata ċioe l-10 ta' Ottubru jitpoġġew fjuri jew kuruna fl-okkazzjoni ta' din it-traġedja ma dan il-mafkar. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li fis-sena 2022 din it-tifkira taħbat it-tmenin sena minn meta seħħet din id-disgrazzja fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel u qal li l-monument għandu jsir b'fondi mid-DPF (Awtorita' tal-Ippjanar) u għandu jitlesta sa' Ottubru 2022. Il-Kunsill qabel li jitwaqqaf sotto-kumitat li c-Chairperson tiegħu ser ikun is-Sindku peress li dan ix-xogħol jaqa' taħt id-dikasteru tiegħu.

20.3.11 Is-Sindku qal li d-DLG stieden lill-Kunsill biex jekk interessat jipparteċipa f'laqgħa apposta dwar re-launch of Europe Label of Government Excellence (EloGE) u li din ser issir b'mod virtwali nhar 2 ta' Diċembru 2020.

20.3.12 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Ministeru għal Għawdex talab biex il-Kunsill jipproponi sa massimu ta tlett proġetti ta' toroq residenzjali u proġetti nnovativi għas-sena 2021. Is-Sindku semmha Triq Xamgħan u Triq Dun Lazzru Camilleri li l-Kunsill diġa għandhu BOQ u li dan għandu jiġi rivedut biex jingħataw wiċċ bit-tarmak, il-proġett ta' ġibjun taħt il-playing field fi Triq Marziena, il-proġett tal-pompa fil-wied ta' Mġarr ix-Xini u l-Horse pool u Dog Park ħdejn il-Ġnien tal-Bidwi. Il-Kunsill qabel ma dawn il-proġetti biex jiġu proposti lill-MGOZ. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li dawn il-proposti jriduhom fi żmien qasir, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2020.

## 20.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

20.4.1 Is-Sindku staqsa lil kull Kunsillieri jekk kienx hemm xi mistoqsijiet li hu jista jwieġeb.

20.4.2 Il-Kunsillier Bajada ssuġġerrixxa dwar l-iskart domestiku jekk il-borża l-bajda hux possibli li tinġabar nhar ta' Sibt. Dwar dan is-Sindku qal li dan kien ġie maqbul mall-WasteServ li l-ġbir tal-iskart domestiku jisir kif qed jinġabar u mhux ser isir preċident ma Kunsill wieħed.

20.4.3 Il-Kunsillier Tewma staqsa jekk l-Automated External Defibrillator kienx ġie nstallat. Is-Sindku wieġeb li dan se jiġi nstallat fiż-żmien li ġej fil-Ġnien tal-Bidwi peress li kellha ssir plakka tal-elettriku apposta għalieh.

## 20.5 Komunikazzjoni

20.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li riċenti daħlu fil-kont bankarju tal-Kunsill is-somma ta' €10,000 b'konnesjoni mall-kuntratt mall-MGOZ għall-attivitajiet li saru matul ix-xahar tal-Lulju.

20.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li riċenti irċieva fil-kont bankarju tal-Kunsill is-somma ta' €8349.29c għal ko-finanzjament minn M4.4 għar-restawr tal-ħitan tas-sejjieħ skond il-ftehim li sar fit-8 ta' Ottubru 2020 mill-Ministeru tal-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza.

20.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-sitt ħaddiema tal-Community Workers Scheme Enterprise Foundation assenjati mall-Kunsill waslilhom biex jimtela l-performance appraisal report. Dan ġie mimli mis-Segretarju Eżekuttiv u diskuss waqt din il-laqgħa għal approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan.

20.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Uffiċjal Eżekuttiv qed titlob lill-Kunsill li tkun tista ġġedded 66 siegħa vacation leave minn din is-sena għas-sena 2021. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu jiġbed l-attenzjoni lil kull impjegat biex il-vacation leave jittieħed u ma jitħalliex matul is-sena u mhux jitħalla għall-aħħar xhur tas-sena u jitlob li dan għandu jittieħed skond l-ftehim kollettiv. Il-Kunsill qabel ma dan li qal is-Segretarju Eżekuttiv u qabel li jekk ma tistax tieħdu sa l-aħħar tas-sena dawn is-siegħat għandhom jiġġeddu għas-sena 2021.

20.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li irċieva mingħand d-DLG li l-Awdituri għal din is-sena baqgħu dawk l-istess RSM.

20.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
6 ta' Novembru 2020 – Cir AKL 2020/108 – Il-Festa bħala Wirt Intanġibli Dinji. Is- Sindku qal li hu wera l-interess tiegħu sabiex jingħaqad ma Kunsilli oħra biex jekk hu possibli dan isseħħ.
9 ta' Novembru 2020 – Cir AKL 2020/118 – Skema ta' tħawwil ta' siġar f' żoni urbani fil-lokalita' – Ministeru għat-Turiżmu. Il-Kunsill għandu jara jekk jistax isir dan billi jitħawlu siġar fil-Ġnien tal-Bidwi.
27 ta' Ottubru 2020 – Cir AKL 2020/123 – Tilqima tal-Influwenza – Avviżż mill-Awtoritajiet tas-Saħħa
3 ta' Novembru 2020 – Cir AKL 2020/124 – ARMS Applications
4 ta' Novembru 2020 – Cir AKL 2020/125 – EPPS Tender Evaluation Training for Elected Members

6 ta’ Novembru 2020 – Cir AKL 2020/126 – Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2021. Il-Kunsill qabel li din għandha tiġġedded.
9 ta’ Novembru 2020 – Cir AKL 2020/127 – Webinar OHSA – Working Together for Risk Prevention
13 ta’ Novembru 2020 – Cir AKL 2020/128 – Stqarrija AKL – L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali tibki lil wieħed minn tagħha.
16 ta’ Novembru 2020 – Cir AKL 2020/129 – Komunikazzjoni mill-BOV
17 ta’ Novembru 2020 – Cir AKL 2020/130 – Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.39

20.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mir-Reġjun Għawdex u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
2 ta’ Novembru 2020 – Milied Solidali – Filmat bl-Attivitajiet passati fil-Lokalita’
6 ta’ Novemru 2020 – Parteċipazzjoni Proġett Slow Streets
17 ta’ Novembru 2020 – Laqgħa Reġjun Għawdex Nru 98 nhar it-Tnejn, 23 ta’ Novembru 2020 fil-5.30p.m. Is-Sindku qal li ser jattendi għal din il-laqgħa.
17 ta’ Novembru 2020 – Gentle Reminder – Re Bye-Laws Reġjonali
17 ta’ Novembru 2020 – Gentle Reminder – Re Milied Solidali – Filmat bl-Attivitajiet passati fil-Lokalita’
17 ta’ Novembru 2020 – Gentle Reminder – Re Milied Solidali – Serati ta’ Carol Singing fil-Lokalita’
17 ta’ Novembru 2020 – Gentle Reminder – Re Milied Solidali – Għoti ta’ Ikla tal-Milied għall-persuni partikulari fil-Lokalita’. Il-Kunsill qabel ma din l-inizjattiva billi jipparteċipa u ser joħroġ avviż lir-residenti tal-lokal kemm fuq il-paġna ta’ Facebook, jitqassam avviż f’kull dar u nitolbu lill-Arċipriet jekk hux possibli javża wara l-quddies tal-Ħadd.
17 ta’ Novembru 2020 – Aġenda Numru 98 – Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex – Reġjun Għawdex

20.5.8 *Il-Kunsillier Gauci talab lill-Kunsill biex jiġi skużat u ħalla din il-laqgħa.*

20.5.9 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mill-Planning Authority dwar applikazzjonijiet u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
4 ta’ Novembru 2020 – RG/00627/20 – To regularise existing terraced house and garages as bulit – Mr Tarcisio Said – Site at 115, Triq il-Kbira, Ta’ Sannat.
4 ta’ Novembru 2020 – PA/07260/20 – Alterations to approved permit PA/4311/20, which include minor amendments to the basement level, the construction of swimming pool at ground floor and to add a new penthouse at third level – Mr Manuel Farrugia – Site at, Triq it-Tempju tal-Imramma, Ta’ Sannat.

20.5.10 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan l-aħħar kellu laqgħa ma’ rappreżentanti tal-GreenPak dwar il-moniteraġġ tas-CCTV cameras li għandhom ma ġenb l-iBins li jinsabu fi Triq Durell u fi Triq ta’ Bebunaq. Hu qal li dawn qed jissuġġerixxu li l-iBins ta’ Triq Durell jitpoġġew faċċata peress li bħalissa għaddejjin xogħolijiet ta’ kostruzzjoni biswit biex ma jiġrilihom l-ebda ħsara. Huma qalu li l-cameras ser jinbidlu għal oħrajn ġodda li se jkunu jaħdmu bl-enerġija solari. Għal dan il-għan dik ta’ Triq Durell diġa hemm arblu tad-dawl ma xiex din tista tiġi nstallata. Fir-riġward ta’ dawk fi Triq Ta’ Bebunaq huma talbu li jitwaħħal arblu ġdid biex ikun jista jiffoka sewwa fuq dawn il-kontenituri. Huma qalu li dawn il-cameras ser ikunu qed jiġu moniterjati mill-kumpanja GreenPak u LESA biex b’hekk nevitaw kull tip ta’ abbuż illeġali. Il-Kunsill għandu jitkellem mall-Kumpanija dwar dan.

## 20.6 Laqgħa Annwali Pubblika

20.6.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li skond kif jipprovdi Artiklu 70 tal-Att dwar Gvern Lokali (Att Nru. XV ta l-1993), il-Kunsill Lokali għandu jżomm żewġ laqgħat annwali tal-lokalita' f'kull sena waħda qabel il-15 ta' Diċembru u l-oħra qabel il-15 ta' April. Għal dan il-għan il-Kunsill qabel li din il-laqgħa ssir nhar it-Tnejn 14 ta' Diċembru 2020, fl-4.30 p.m. B'hekk ir-residenti jingħataw l-opportunita fejn jistgħu jressqu dawk x-xewqat u s-suggerimenti li jixtiequ li l-Kunsill Lokali jiddiskuti biex jkun jista jinkludihom fl-estimi annwali matul is-sena li ġejja 2021. Is-Sindku qal li minħabba s-sitwazzjoni internazzjonali li hawn preżenti tal-COVID 19 ġemgħat mhumiex permessi allura dawk ir-residenti li jixtiequ li jipparteċipaw f'din il-laqgħa huma mitluba jsegwu din il-laqgħa b'mod virtwali fuq il-website tal-Kunsill. Dawk minnhom li jkunu jrridu jagħmlu xi intervent għandhom iċemplu l-uffiċċju minn qabel għal din il-laqgħa, biex b'hekk il-Kunsill ikun jista jirreġistrahom u jgħatihom il-ħin allokat minn qabel u jkunu jistgħu jintervjenu permezz tat-telefown waqt din il-laqgħa live.

## 20.7 Milied 2020

20.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għal din is-sena partikulari għal żmien il-Milied u l-ewwel tas-sena l-Kunsill għandu jaħseb f'kullħadd u għal dan il-għan hu ssuġġerrixxa li għandha tintbgħat kartolina b'kalendarju b'messaġġ fih f'kull residenza f' Ta' Sannat. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 20.8 Offerti u Kwotazzjonijiet ġodda

20.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill irid joħroġ dawn it-talbiet għall-offerti u kwotazzjonijiet:
Servizz ta' Perit
Servizz ta' Office Cleaner
Servizz ta' tindif u manutensjoni tal-latrini pubbliċi
Servizz ta' tindif tal-water culverts
Provista ta' sinjali ta' traffiku
Xogħol ta' asfaltar ta' toroq
Il-Kunsill qabel ma dan. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jipprepara d-dokumenti rikjesti biex dawn t-talbiet joħorġu fi żmien li ġej.

## 20.9 Ilmenti u Suġġerimenti

20.9.1 Il-Kunsill irċieva imejl bir-ritratti rigward skart mormi fi triq ġdida fi Triq Saguna. Din l-persuna ilmentat ukoll li din ma kinitx l-ewwel darba li tħallew boroz tal-iskart f' din it-triq u li dawn ma nġabrux mill-kuntrattur li jiġbor l-iskart. Din l-persuna komplit tilmenta li barra li dan l-iskart jattira ħafna nemus, dubbien u qtates fost l-oħrajn barra minn hekk dan jista' ukoll ikun ta' periklu għat-tfal u adulti speċjalment meta jkun hemm ħġieġ imkisser. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dwar dan l-ilment ħa azzjoni mill-ewwel, kellem lill-kuntratturi u tnaddaf dan il-post.

20.9.2 B' referenza għal-ilment numru 27/2020, residenta li toqgħod fi Triq Xabbata talbet li tiġi rranġata l-bankina ta' quddiem ir-residenza tagħha. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-ħaddiema assenjati mall-Kunsill rranġaw il-paving blocks ta' din il-bankina.

20.9.3 B' refereza għal-ilment numru 28/2020, residenta talbet li jiġu rranġati ħofor perikolużi fi Triq il-Kbira. Din ir-residenta ilmentat ukoll li x'ħin taqbad Triq il-Kbira sa fejn Sqaq San Adeodatu ma hemmx dawl adekwat. Dwar il-ħofor is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn ġew rrappurtati lil WSC. Dwar id-dawl tat-triq il-Kunsill għandu jkellem lill-Inġinier.

20.9.4 B' referenza għal-ilment numru 29/2020, resident li joqgħod fi Triq Xabbata kantuniera ma Triq Marsilja talab li jsiru bollards mall-kantuniera sa ma ġenb tar-residenza tiegħu dan peress li quddiem id-dar tiegħu ma hemmx bankina u l- karozzi jipparkjaw mal-bieb tad-dar. Barra li dawn il-karozzi huma ta' periklu għax malli jiftħu l-bieb ta' barra jsibu l-karozzi ma wiċċhom, dawn qegħdin ukoll ikissru l-ispral u l-concrete li hemm fl-art li jgħatti l-pipe. Il-Kunsill għandu jara fuq il-post din it-talba.

20.9.5 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* - MGOZ rigward ħofor fi Triq il-Kbira. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħat imejl lil Water Services Corporation biex dawn l-ħofor jiġu rranġati dan peress li dawn il-ħofor ġew ikkawżati minn servizzi tal-ilma, li dawn qed kontinwament jikbru u fix-xitwa jintlew bl-ilma.

20.9.6 Il-Kunsill irċieva imjel mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward Triq il-Kalkara tal-Ġir li għandha bżonn manutenzjoni.

20.9.7 Il-Kunsill irċieva imjel mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward ħaxix ħażin f' Imġarr ix-Xini. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dwar dan l-ilment il-ħaddiema assenjati mall-Kunsill bdew inadfu din it-triq u jispera li għal dan ix-xogħol it-temp ikun jippermenti.

20.9.8 Il-Kunsill irċieva imjel mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward ħajt imwaqqa fi Triq tal-Gruwa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan l-ħajt ġie rrappurtat bil-work request system tal-Ministeru u dan ġie approvat, imma dan ix-xogħol jidher li għad ma bediex.

20.9.9 B' referenza għal-ilment numru 30/2020, residenta talbet li jiġu rrangati ħofor fi Triq Saguna. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn ġew ukoll irrapurtati lil Water Services Corporation.

20.9.10 Residenti minn Triq Durell u Triq it-Tempju tal-Imramma ilmentaw bi żvilupp ta' kostruzzjoni li qed isir f'parti min barriera b'konsegwenza li t-triq tista ċċedi. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li intalbet l-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex biex jinbena ħajt tal-ġebel jew cement ta' fejn mhux ser jinbena. Il-Kunsill għandu jieħu parir dwar dan mingħand Avukat u Perit

20.9.11 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand residenta li toqgħod fi Triq il-Kbira fejn qed tilmenta rigward tractor li ilu ipparkjat aktar min sitt ġimgħat mingħajr liċenżja f'din it-triq. Il-Kunsill għandu jgħamel rapport mall-Pulizija dwar dan il-każ.

20.9.12 Il-Kunsill irċieva imjel mingħand l-*Intervention Team* -MGOZ rigward bank miksur u kontenitur tal-plastic f'bin tal-injam nieqes fil-Ġnien tal-Bidwi. Il-Kunsill għandu jirranġa dan il-bank u jixtri bin.

20.9.13 Is-Sindku qal li residenti minn Triq tal-Gruwa qed jerġgħu jitolbu li jiġu nstallati mill-ġdid is-sleeping police li kien hemm fil-passat f'din it-triq peress li dawn ma reġgħux ġew installati wara li kienet saret it-triq. Il-Kunsill qal li għandu jara li jsir dan.

20.9.14 Is-sindku qal li qed jirċievi diversi lmenti mingħand ir-residenti li fi Triq Ta' Ċenċ qed jiġu pparkjati vetturi kbar li qed jieħdu spazju ta' żewġ vetturi. Il-Kunsill għandu jieħu parir mingħand Transport Malta dwar dan.

20.9.15 Residenta nfurmat lill-Kunsill li mera fi Triq il-Kbira faċċata ta' Triq l-10 ta' Ottubru nstabet ma l-art miksura. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din il-mera għandha tiġi ordnata fil-jiem li ġejjin. Il-Kunsill qabel ma dan.

20.9.16 Is-Sindku qal li xi bdiewa avviċinawħ biex passaġġ fi Triq Dun Luqa jingħata l-konkos. Il-Kunsill qabel li għandu jgħamel talba lill-MGOZ bis-sistema tal-Works Request System għal dan ix-xogħol biex jara jistax isir.

20.9.17 Il-Kunsillier Tewma qal lill-Kunsill li xi residenti qalulu li fl-lokalita' f'Għawdex tqassmu maskli mill-Kunsill. Wara li ġie diskuss dan il-Kunsill ma qabilx ma din l-inizjattiva fuq diversi aspetti.

## 20.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 11/2020

20.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 11/2020 li kienet intbgħatet permezz ta imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Hu qal li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Kunsillier Tewma u ssekondata mill-Kunsillier Bajada. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 20.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

20.11.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4.45 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 14 ta' Diċembru 2020, fis-2.00 p.m.

Konfermati, illum 14 ta' Diċembru, 2020

| | |
|---|---|
| (iffirmata) | (Iffirmata) |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |